# Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

## IL-PULIZIJA (SPETTUR NICHOLAS VELLA, SPETTUR RACHEL AQUILINA) V. KARL-JOS DIMECH (KI. 155894M)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**14/11/2023**

IL-QORTI,

Rat l-imputazzjonijiet segwenti li nħarġu kontra l-imputat:

Taħrika ta' Kawża: **PULIŻIJA** Lil: **KARL-JOS DIMECH (155894M)** Vettura: **STF500 TOYOTA**
Billi int akkużat talli fid-data, ħin u post hawn imsemmi
Data u Ħin: **Nhar is-7/5/2017 ghal habta ta` 22:45hrs**

Post: **INDIPENDENZA TRIQ L-** Lokalita': **ZEBBUG**

**(1) Kellek vettura bil- mutur fit- triq, kemm jekk ipparkjata, kemm jekk qed tintuza minghajr licenza ghac-cirkolazzjoni valida, jew permess ghac-cirkolazzjoni validu jew diska ta` licenza temporanja valida, mahruga mill-Awtorita** ( L.S. 368.02 Artiklu 13 (2) )

**(2) Uzajt, gieghelt jew hallejt lil persuna ohra tuza vettura bil-mutur fit-toroq, kemm il-darba, ghall-uzu tal-vettura minnek jew min dik il-persuna l-ohra, skond il-kaz, ma tkunx issehh polza ta` assigurazzjoni dwar ir-riskji ta` terzi persuni** ( Kap 104 Artiklu 3 (1) )

**(3) Soqt vettura bil-mutur jew vettura ohra, minghajr licenza tas-sewqan** ( Kap 65 Artiklu 15 (1) (a), (3) )

**(4) Bhala persuna inti sirt recediv b`sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 22/5/2012 mill-MAGT.DR.F.DEPASQUALE LL.D liema sentenza saret definita u ma tistax tigi mibdula.** ( Kap 9 Artiklu 49, 50 )

Il-Prosekuzzjoni titlob li l-imsemmija persuna jigi skwalifikat mill-Licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal perjodu ta` zmien ta` mhux inqas minn tnax-il xahar

Semgħet u rat ix-xhieda miġjuba quddiemha u ċioe ix-xhieda ta' PS 1240 Joseph Camilleri (*affidavit*), PC 702 Adrian Briffa (*affidavit*), PC 531 Jurgen Vella (*affidavit*), Stephen Cachia għan-nom ta' Transport Malta (*affidavit*), Kenneth Pace għan-nom ta' Transport Malta (*affidavit*) u Yesenia Maria Pace bħala Deputat Reġistratur.

Semgħet it-trattazzjoni finali.

Rat l-atti proċesswali.

Qed tagħti din is-

**Sentenza**

*Provi*

1. Jirriżulta mill-*affidavits* ta' **<u>PC 702 Adrian Briffa</u>** u **<u>PC 531 Jurgen Vella</u>** illi fid-data, ħin u lok in kwistjoni huma raw lill-imputat isuq il-vettura tal-għamla Toyota Carina bin-numru ta' reġistrazzjoni STF 500. Fl-istqarrija tiegħu (mogħtija wara li ffirma dikjarazzjoni ta' rifjut għall-assistenza legali qabel u waqt l-interrogatorju, esebita in atti) l-imputat stess ammetta illi saq il-vettura msemmija sabiex imur mir-residenza tiegħu fi Triq l-Indipendenza, Ħaż-Żebbuġ għall-poliklinika tal-Mosta u wara għall-għassa ta' Hal Qormi.

2. Mill-*affidavit* ta' **<u>Stephen Cachia</u>** in rappreżentanza ta' Transport Malta imbagħad irriżulta illi fid-data in kwistjoni l-vettura kienet reġistrata fuq ċertu Josephine Dimech u l-liċenzja tagħha skadiet fil-31 ta' Lulju 2011. Mill-*affidavit* ta' **<u>Kenneth Pace</u>** in rappreżentanza ta' Transport Malta rriżulta illi fil-21 ta' Lulju 2017 l-imputat għadda mill-eżami prattiku tal-liċenzja tas-sewqan (Kategorija B) u li fil-25 ta' Lulju 2017 huwa ħallas il-pagament dovut lil Transport Malta sabiex tinħariġlu liċenzja proviżorja tas-sewqan. Għalhekk fid-data tal-allegat reati huwa ma kellux liċenzja tas-sewqan.

3. Xehdet ukoll **<u>Yesenia Maria Pace</u>** bħala Deputat Reġistratur dwar sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversement presjeduta fit-22 ta' Mejju 2012 (vera kopja esebita fl-atti) fil-konfront tal-imputat. Fir-rigward ta' din is-sentenza x-xhud spjegat illi minna ma ġie intavolat l-ebda appell u lanqas ma ingħatat xi multa.

*Kunsiderazzjoni*

4. Dwar l-ewwel imputazzjoni għalkemm irriżulta ppruvat il-fatt illi kien hemm vettura bil-mutur li kienet qed tinstaq fit-triq mingħajr liċenzja għaċ-ċirkolazzjoni valida, madanakollu l-akkuża taħt l-Art. 13(2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.02 inħarġet

kontra l-imputat minflok kontra s-sid tal-vettura. Fi kwalunkwe każ, il-Qorti ma tista' qatt issib ħtija ta' din l-imputazzjoni billi kif ġie deċiż numru ta' drabi mill-Qorti tal-Appell Kriminali, il-pieni taħt ir-Regolament 44(7) tal-L.S. 368.02 ma' jistgħux jiġu erogati mill-Qorti stante illi l-leġislatur ma pprovdiex għal jekk dawn humiex multi jew ammendi. Il-Qorti, kif ilha tagħmel għal numru ta' snin, tawspika li l-leġislatur li ilu jaf b'din l-anomalija (u oħrajn bħalha) sa mill-2016 jieħu ħsieb jwettaq l-emendi neċessarji għall-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.02 mingħajr iktar dewmien.

5. Dwar it-tieni imputazzjoni, dik li kien qiegħed isuq mingħajr ma kien hemm fis-seħħ għall-użu ta' dik il-vettura minnu, polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni, il-Qorti rat li ġiet esebita kopja tal-polza tal-assigurazzjoni li turi li fid-data in kwistjoni l-vettura kienet assigurata f'isem il-*policyholder* Josephine Dimech sabiex tinstaq minn kwalsiasi xufier li jkollu mill-inqas 25 sena.

6. Il-posizzjoni ta' din il-Qorti kif presjeduta għal numru ta' snin kienet dik illi fir-rigward tal-kopertura tat-terz ma' tagħmilx differenza jekk min kien qiegħed juża l-vettura għandux liċenzja tas-sewqan jew le, għandux inqas minn 25 sena jew le, jew jekk huwiex b'xi mod eskluż mill-kopertura tal-polza jew le, darba jirriżulta illi ikun hemm fis-seħħ polza ta' assigurazzjoni tal-vettura u dan għaliex it-terz ikun dejjem protett u għalhekk f'dak il-każ ir-reat ravviżat taħt l-Art. 3(1) tal-Kap. 104 ma' jissustix[1] u semmai il-kwistjoni kienet tirrisolvi ruħha f'waħda ta' natura ċivili iżjed minn dik kriminali.

7. **Din il-pożizzjoni tal-Qorti bl-ebda mod ma' kienet tfisser, kuntrarjament għal dak li ġie sottomess in trattazzjoni possibbilment b'mod qarrieqi fi bnadi oħra, illi l-Qorti riedet tibgħat messaġġ lill-pubbliku in ġenerali li kwalunkwe persuna tista' issuq kwalunkwe vettura basta li dik il-vettura tkun koperta b'polza ta' assigurazzjoni. Apparti li l-Qorti m'għandha l-ebda funzjoni li tibgħat messaġġi**

[1] Din hija posizzjoni li ġiet abbraċjata ukoll mill-Qrati tagħna f'diversi istanzi fil-passat inkluż per eżempju fis-sentenza fl-ismijiet **Pulizija vs Emanuel Zarb** (App. Nru. 329:2010:MM, 26 ta' Marzu, 2015)

**lill-pubbliku, dak li għamlet din il-Qorti kif presjeduta għal numru ta' snin kien biss illi tapplika interpretazzjoni li dehrilha hija loġika fiċ-ċirkustanzi (u li ġiet addottata ukoll mill-Qrati tagħna f'diversi istanzi oħra) u ċertament mhux li tħeġġeġ lil min m'għandux liċenzja tas-sewqan jew lil min għandu vettura mhux liċenzjata illi jsuq dik il-vettura! Min ikun f'dik is-sitwazzjoni m'għandux isuq kwalsiasi vettura mhux għax dik il-vettura ma' tkunx koperta jew le, iżda proprju għaliex l-individwu ma' jkollux liċenzja tas-sewqan jew ma' jkollux vettura li tkun liċenzjata!**

8. Bis-sentenzi riċenti u studjati tal-Qorti tal-Appell (Inferjuri) u ċioe dawk mogħtija fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Mohamad Knaan (Appell Numru: 479 / 2022 CSH, 7 ta' Frar 2023)** u **Il-Pulizija v. Xemizin McKay (Appell Numru 423/2022 EG, 24 ta' Mejju 2023)**, il-pożizzjoni li ttieħdet hija waħda differenti u dan fis-sens illi kwalunkwe persuna li jkun qed jiffaċċja din l-imputazzjoni irid attivament jipprova illi huwa kien personalment kopert taħt il-polza tal-assigurazzjoni maħruġa għall-użu tal-vettura altrimenti ikun ħati tar-reat ipotizzat taħt l-Art. 3(1) tal-Kap. 104. Din il-Qorti, għalkemm mhijiex marbuta illi ssegwi kwalsiasi linja ta' sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Appell, tqis li jkun għaqli u fl-interess tal-ġustizzja li jkun hemm uniformita' fis-sentenzi u għalhekk hija tara li għandha ssegwi ukoll u tagħmel tagħha l-insenjament tal-Qorti tal-Appell fuq din il-materja.

9. Issa f'din il-kawża jirriżulta illi fid-data tal-allegat reat l-imputat ma kellux liċenzja tas-sewqan u għalhekk ma setax ikun kopert taħt il-polza tal-assigurazzjoni in kwistjoni ai termini tal-ġurisprudenza riċenti fuq din il-materja. Din it-tieni imputazzjoni għalhekk tirriżulta li ġiet ppruvata.

10. Fir-rigward tat-tielet imputazzjoni, dik li l-imputat saq vettura mingħajr ma kellu liċenzja tas-sewqan, kif fuq ingħad fil-kuntest tat-tieni imputazzjoni, din ukoll tirriżulta ppruvata stante illi kif xehed **Kenneth Pace** fid-data in kwistjoni l-imputat ma kellux liċenzja tas-sewqan.

11. Fir-rigward tar-raba' imputazzjoni, ċioe l-addebitu tar-reċidiva, filwaqt li jirriżulta illi l-imputat kien ġie misjub ħati ta' delitti fis-sentenza tat-22 ta' Mejju 2012 mogħtija din il-Qorti diversement presjeduta, madanakollu f'tali sentenza huwa kien ġie mogħti liberazzjoni kundizzjonata ai termini tal-Art. 22 tal-Kap. 446, liema sejbien ta' ħtija ma tistax ai termini tal-Art. 25 tal-istess Kap. 446 tintuża għall-ebda skop ieħor għajr għal dawk elenkati fl-Art. 25(a) jew (b) li m'humiex applikabbli għall-każ in eżami. Għalhekk il-prova tar-reċidiva ma tirriżultax.

**Deċiżjoni**

**Għar-raġunijiet msemmija wara li rat l-artikoli relevanti tal-liġi ossia' l-Art. 3(1) tal-Kap. 104 u l-Art 15(1)(a) tal-Kap. 65 (sewqan mingħajr liċenzja tas-sewqan), il-Qorti filwaqt li tillibera lill-imputat mill-imputazzjonijiet numru wieħed u erbgħa, issibu ħati tal-imputazzjonijiet numru tnejn u tlieta u tikkundannah iħallas multa fl-ammont totali ta' elfejn u tmien mitt euro (€ 2,800). B'żieda mal-piena l-Qorti qegħda tapplika d-disposizzjonijiet tal-Art. 3(2A) tal-Kap. 104 u tal-Art. 15(3) tal-Kap. 65 u tiskwalifika lill-imputat milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien tnax-il xahar u tmient ijiem.**

**V.G. Axiak**
**Maġistrat**

**Y.M. Pace**
**Dep. Reġistratur**